



C/2024/4202

28.6.2024

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ M.11590 — CVC / HEMPEL INVEST / HEMPEL)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(C/2024/4202)

1. Fil-21 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- CVC Capital Partners plc (“CVC”, Jersey),
- Hempel Invest A/S (“Hempel Invest”, id-Danimarka), ikkontrollata minn Hempel Fonden (id-Danimarka),
- Hempel A/S (“Hempel”, id-Danimarka) attwalment ikkontrollata biss minn Hempel Invest.

CVC u Hempel Invest se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll kongħunt ta’ Hempel.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ xiri ta’ ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- CVC huwa maniġer ta’ investimenti alternativ globali ffukat fuq l-ekwità privata, il-kreditu u s-secondaries. Il-fondi li jirċievu pariri u ġestiti mis-CVC għandhom interassi f'għadha ta’ kumpaniji attivi f'varjetà ta’ industriji madwar id-dinja, inkluż fis-servizzi finanzjarji, is-sustanzi kimiċi, l-utilitajiet, il-manifattura, il-bejgħ bl-imnut u d-distribuzzjoni, fl-Ewropa, l-Istati Uniti u r-reġjun Asja-Paċċifiku,
- Hempel Invest hija sussidjarja tal-fondazzjoni filantropista Hempel Fonden u l-kumpanija omm ta’ Hempel.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi Hempel huma l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta’ żebgħa u soluzzjonijiet ta’ kisi, użati b’mod partikolari għal skopijiet dekorattivi, tal-baħar, industrijali, tal-enerġija u tal-infrastruttura.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta’ koċċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (²) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista’ jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

L-osservazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

M.11590 — CVC / HEMPEL INVEST / HEMPEL

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---